



Brussell, 8 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12777/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0248(COD)
2018/0249(COD)
2018/0250(COD)

JAI 962
FRONT 311
ASIM 117
MIGR 140
CADREFIN 239
VISA 251
SIRIS 127
ENFOPOL 488
CT 153
CODEC 1591
COMIX 532

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposti tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali a) Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (AMF) b) Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (BMVI) c) Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

It-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni fil-fondi tal-Affarijiet interni:

Sfida għall-flessibbiltà, il-koerenza u l-komplementarjetà?

Introduzzjoni

Fit-13 ta' Ġunju, bħala parti mill-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, il-Kummissjoni ħarġet tliet proposti settorjali fil-qasam tal-Affarijiet Interni. Il-Fondi / strumenti u l-oġġettivi ewlenin tagħhom huma kif ġej:

- Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (AMF) ser jipprovdi appoġġ għall-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni mill-Istati Membri;
- L-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi (BMVI), bħala parti mill-Fond il-ġdid għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, ser jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fil-fruntieri esterni, u b'hekk jissalvagwarda l-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni;
- Il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) ser ikollu l-għan li jipproteġi liċ-ċittadini permezz tal-prevenzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-pulizija, l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom it-tliet proposti legiſlattivi jibnu fuq ir-Regolamenti eżistenti¹ u jqisu l-iżviluppi ta' politika ġdida li saru mill-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni 'l hawn, il-bżonn li jingħata rispons malajr għall-isfidi tal-migrazzjoni li qed jevolvu kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra, l-evoluzzjoni tal-aġenzija Ewropea l-ġdida għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-modernizzazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira, l-aġenda Ewropea dwar is-sigurtà, l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità, u l-aġenda l-ġdida dwar l-interoperabbiltà.

Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżijiet tal-migrazzjoni u tas-sigurtà tal-passat, u b'rikonoxximent sħiħ li l-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà ser jibqgħu oqsma ta' sfida fil-futur, il-Kummissjoni pproponiet tisħiħ sinifikanti fil-baġit tal-UE fl-oqsma ta' politika ta' *"Il-Migrazzjoni u l-Fruntieri"* u s-*"Sigurtà"*. Kważi EUR 35 biljun ġew allokat i għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027, li huwa t-tripplu tal-ammonti allokat i inizjalment u inklużi fil-QFP attwali.

¹ Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża (ISF - Fruntieri) u l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ISF - Pulizija).

Diskussjonijiet dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni

Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar l-Istrumenti Finanzjarji tal-ĠAI² huwa l-korp preparatorju tal-Kunsill li jitratta t-tliet proposti leġislattivi. Huwa ltaqa' f'seba' okkażjonijiet taħt il-Presidenza Awstrijaka.

Fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Ottubru, il-Grupp ta' Ħidma kellu skambju ta' fehmiet dwar l-inklużjoni potenzjali ta' komponenti dedikati u sinifikanti għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna fiż-żewġ Fondi u l-istrument, skont il-mandat li ngħataw fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018³, lil hinn minn dak li huwa diġà previst fil-proposti tal-Kummissjoni. L-implimentazzjoni ta' kwalunkwe tali komponent dedikat għandha sseħħ bl-aktar mod xieraq, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti kollha li jitrattaw id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni kif propost għall-QFP li jmiss. Id-diskussjonijiet kienu bbażati fuq kwestjonarju tal-Presidenza li jelabora fuq id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni u tal-Fondi tal-Affarijiet Interni fil-QFP wara l-2020⁴.

Soġġett għal skrutinju ulterjuri tal-abbozz ta' Regolamenti, id-delegazzjonijiet appoġġaw il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet diġà identifikati fil-proposti biex il-flussi migratorji jiġu ġestiti b'mod adegwat. Il-kriterji tal-eliġibbiltà wesgħin inkluż il-parteċipazzjoni possibbli ta' pajjiżi terzi, entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew konsorzji wkoll intlaqgħu tajjeb mid-delegazzjonijiet.

Fondi tal-ĠAI: Liema għodda finanzjarja għandha tiżgura l-flessibbiltà?

Il-Grupp ta' Ħidma qabel li l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu żborżati permezz ta' programmi fl-Istati Membri jew permezz ta' faċilità tematika skont metodi ta' implimentazzjoni diversi. Din il-faċilità tinkludi assistenza ta' emerġenza, azzjonijiet tal-Unjoni u azzjonijiet speċifiċi li jistgħu jikkomplementaw il-programmi nazzjonali. Il-faċilità tematika tista' tiġi mobilizzata għal kwalunkwe azzjoni meqjusa bħala meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi definiti fil-livell tal-UE, inkluż azzjonijiet f'pajjiżi terzi bħal azzjonijiet bl-għan li jwaqqfu l-migrazzjoni illegali.

² Dok. 9983/18.

³ Dok. EUCO 9/18, punt 9: "*Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal strumenti flessibbli, li jippermettu żborż rapidu, għall-għieda kontra l-migrazzjoni illegali. Il-fond għas-sigurtà interna, dak għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, u dak għall-asil u l-migrazzjoni għandhom għaldaqstant jinkludu komponenti sinifikanti ddedikati għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna.*"

⁴ Dok. 12272/18.

Dwar l-inklużjoni ta' komponenti dedikati li jitrattaw id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għażlu l-inklużjoni espliċita fil-faċilità tematika. Din l-għażla tipprovdi biżżejjed flessibilità biex il-fondi jiġu diretti lejn il-komponent it-tajjeb (jew bħala assistenza ta' emerġenza, bħala azzjoni tal-Unjoni jew permezz ta' programmi nazzjonali). F'xenarju bħal dan, il-faċilità tematika tkun tista' tiddedika sehem mill-pakkett finanzjarju tagħha għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna.

Il-ġestjoni tal-migrazzjoni: approċċi multidixiplinari

Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni hija preżenti f'diversi strumenti. L-istrumenti ddedikati għall-azzjoni esterna (l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali propost, il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika) jinkludu l-ġestjoni tal-migrazzjoni bħala objettiv, u għaldaqstant jallokaw riżorsi biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Dawn huma l-istrumenti li jiffinanzjaw azzjonijiet fpajjiżi terzi u jiġu kkomplementati mid-dimensjoni esterna tal-fondi tal-Affarijiet Interni.

Il-Kunsill Ewropew għaraf il-ħtieġa li jiġu allokat riżorsi addizzjonali mill-fondi tal-Affarijiet Interni, bl-objettiv li tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali. Dawn il-fondi diġà fihom firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu appoġġati fi ħdan l-objettivi ta' politika definiti, inkluż il-ġestjoni tal-flussi migratorji illegali.

Peress li l-objettivi ta' politika huma simili fil-fondi differenti, għandna nistinkaw għal komplementarjetà bejn id-diversi azzjonijiet li jappoġġaw aspetti differenti tal-politiki dwar il-migrazzjoni. Fid-dawl ta' dan, it-tisħiħ ulterjuri tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni fil-fondi tal-Affarijiet Interni huwa inqas kwistjoni ta' koerenza fih innifsu, milli sfida għall-governanza u l-koordinazzjoni. Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, id-delegazzjonijiet issottolinjaw li entità jew korp jista' jkollhom perspettiva ġenerali tal-possibiltajiet differenti ta' finanzjament u azzjonijiet koordinati. Dan jista' jsir permezz tat-twaqqif ta' struttura ta' governanza li tiżgura aktar viżibbiltà, trasparenza, komunikazzjoni aħjar u l-involviment tal-Istati Membri, filwaqt li jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tal-fondi tal-UE foqasma b'valur miżjud tal-UE.

Mistoqsijiet

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-delegazzjonijiet huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Taqbel li l-faċilità tematika ssaħħa aktar id-dimensjoni esterna tat-tliet fondi kollha u tirriżerva sehem adegwat mill-pakkett finanzjarju tagħha biex jiġu indirizzati l-aspetti esterni tal-migrazzjoni?
 2. Kif jistgħu jiġu żgurati l-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġiji fost id-diversi possibiltajiet għall-finanzjament mill-UE fil-qasam tal-migrazzjoni? Kif tista' ssir aktar effettiva l-koordinazzjoni?
-